



Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14867/17

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140 (CNS)

SOC 760
ANTIDISCRIM 59
JAI 1097
MI 872
FREMP 134

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / Kunsill
Nru. dok. preċ.	14071/17
Nru dok. Cion:	11531/08 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġislazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-educazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur soċjali kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità(UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Waqf li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imġhod, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet komplew jesprimu d-dubji tagħhom dwar jekk fil-kamp ta' applikazzjoni għandhomx jiġu inklużi l-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni. Żewġ delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali.

Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ta' skrutinju ġenerali dwar il-proposta. CZ, DK, MT u UK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni fit-2 ta' April 2009². Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

² Ara d-dok. A6-0149/2009. Jean Lambert (UK/LIBE/Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) huwa attwalment ir-Relatur tal-PE.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA ESTONJANA

Taħt il-Presidenza Estonjana, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali kompli l-eżami tiegħu tal-proposta,³ abbażi ta' żewġ settijiet ta' suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza.⁴

Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma ffokaw, b'mod partikolari, fuq il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

a) **Diskriminazzjoni Multipla** (*Artikolu 2(2) u 2(3-a) u Premessi 12 u 12ab*)

Fis-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza fittxet li tiċċara l-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla, li qabel kien ġie introdott fit-test, sabiex jipprovdi protezzjoni aħjar lill-vittmi ta' diskriminazzjoni.

Il-Presidenza enfasizzat li d-diskriminazzjoni multipla kienet komuni fil-prattika, iżda diffiċli ħafna biex tiġi ppruvata, u li, barra minn hekk, l-evidenza speċifika għad-diskriminazzjoni involuta f'każijiet ta' diskriminazzjoni multipla ħafna drabi kienet koperta f'diversi strumenti. Għalhekk l-abbozz tad-Direttiva li qed jiġi nnegożjat ikopri r-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali, filwaqt li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess hija indirizzata fid-Direttiva 2004/113/KE⁵ u d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew l-oriġini etnika hija indirizzata fid-Direttiva 2000/43/KE⁶.

Il-Presidenza għalhekk issuġġeriet l-introduzzjoni tal-kontroreferenzi għad-Direttivi msemmija hawn fuq fl-Artikolu 2 (3-a) u l-ispjega tal-kunċett fi premessa kif ġej:

³ Il-laqgħat saru fl-20 ta' Settembru u l-14 ta' Novembru.

⁴ Ara 11857/17 u 12480/17.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità. ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

"Id-diskriminazzjoni multipla għandha tinftiehem bħala diskriminazzjoni, fi kwalunkwe forma, li sseħħ fuq il-bażi ta' kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin: reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, jew f'xi ċirkostanzi, sess, jew oriġini tar-razza jew etnika. Tali diskriminazzjoni multipla tista' sseħħ ukoll permezz ta' kombinazzjoni ta' żewġ raġunijiet jew aktar, li jekk meħuda separatament ma jagħtux lok għal diskriminazzjoni kontra l-persuna kkonċernata" (Premessa 12ab).

Bosta delegazzjonijiet tennew l-appoġġ tagħhom għall-inklużjoni tal-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla fl-abbozz tad-Direttiva u laqgħu l-formulazzjoni l-ġdida introdotta.

Filwaqt li laqgħet ukoll b'mod qawwi l-inklużjoni tad-diskriminazzjoni multipla, il-Kummissjoni saħqet fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-diskriminazzjoni multipla abbażi tas-sess u razza, billi hija l-unika forma ta' diskriminazzjoni multipla eskluża mid-definizzjoni, tiġi kompletament koperta. Barra minn hekk, wara s-suġġerimenti preċedenti minn ċerti delegazzjonijiet, il-Kummissjoni sostniet li fit-test tiżdied referenza għad-Direttiva 79/7/KEE⁷.

Madankollu, żewġ delegazzjonijiet ma setgħux jaċċettaw l-inklużjoni ta' diskriminazzjoni multipla, minħabba, fost oħrajn, dubji dwar il-prattikabbiltà tagħha. Xi delegazzjonijiet oħrajn żammew riżervi ta' skrutinju dwar din il-kwistjoni.

b) Data dwar l-Ugwaljanza (Artikolu 15(4)) u Premessa 28)

Fis-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza kienet irriformulat ir-rekwiżiti li jappartjenu għall-ġbir tal-istatistika sabiex tipprowdi aktar flessibilità għall-Istati Membri, fejn talbithom biex jippromwovu l-ġbir tad-data dwar it-trattament ugwali u d-diskriminazzjoni, f'konformità mal-leġislazzjoni u l-prattiki nazzjonali u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali.

Bosta delegazzjonijiet laqgħu l-formulazzjoni ġdida.

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali. ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24.

c) **Kwistjonijiet oħra (Premessa 2a, 4, 5a, 6, 7, 12, 12ab, 21 u 28)**

Il-Presidenza għamlet għadd ta' aġġustamenti għall-premessi, inkluż billi żiedet Premessa speċifika dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) (Premessa 2a) u referenzi għal dikjarazzjonijiet politiċi magħmula mill-Kunsill dwar is-suġġett ta' diskriminazzjoni (Premessa 5a), kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (Premessa 7).

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

Hija meħtieġa aktar diskussjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq, kif ukoll dwar għadd ta' kwistjonijiet pendenti oħrajn, fosthom dawn li ġejjin:

- il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, b'xi delegazzjonijiet kontra l-inklużjoni tal-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni fih;
- aspetti oħra li fadal tat-tqassim tal-kompetenzi u s-sussidjarjetà; u
- ċertezza legali dwar l-obbligi li jiġu stabbiliti mid-Direttiva.

Aktar dettalji dwar il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jistgħu jinstabu fid-dokumenti 12362/17 u 14071/17.

IV. KONKLUŻJONI

Għalkemm sar progress reali taħt il-Presidenza Estonjana dwar il-kwistjonijiet diskussi, tenħtieġ aktar diskussjoni politika qabel ma tkun tista' tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.